# ĦAL-LUQA LOCAL COUNCIL

# Administrative Report 2017

## 1.0 *Mayor's Letter*

Egħżież Residenti

Erġajna iltqajna hawn illum biex nagħtu rendikont tal-ħidma li saret b' paragun ma' dak li kien imwiegħed li kellu jsir matul din il-leġislatura. Kif hawn uħud minkom li kienu xhieda matul is-sena l-oħra kelli numru ta' laqgħat li l-frott tagħhom bdejna naqtgħuh dak iż-żmien qed inkomplu naqtgħuh din is-sena. Dan ir-Rapport ta' ħidma ħa jkompli jagħti aktar dettal għall dak li qed nirreferi għalih.

Madanakollu kien hemm ħafna affarijiet oħra li saru u li fosthom ressaqna l-prijoritajiet tagħkom għall ħidma. Matul din il-laqgħa tal-lum ukoll se nisimgħukom u nkomplu naħdmu fuqhom matul is-sena. Minn naħa tiegħi ta' kuljum inkun il-Kunsill biex dawk fostkom li jridu jwasluli xi diffikultajiet jien se nibqa nisma.

……………………………...

JOHN SCHEMBRI

Mayor

MARCH 2018

## 2.0 *The Council*

| Position | Meeting Attendance |
|---|---|
| ***Mayor*** | |
| Mr. John Schembri | 100% |
| ***Deputy Mayor*** | |
| Ms. Denise Cutajar | 91% |
| ***Councillors*** | |
| Mr. V. Caruana | 91% |
| Mr. Eric Camilleri | 82% |
| Mr. Kearon Bruno | 64% |
| Mrs. E Camilleri Schembri | 91% |
| Mrs. L. Massa | 82% |

***Executive Secretary***

Mr. Michael Portelli

***Assistant Principals***

Ms. A. Refalo
Ms. I. Borg

***General Assistants***

Mr. M. Muscat

## 3.0 *Council Areas of Activity*

### ***Organisation& Responsabilites***

The Organisation structure implemented during 2018 has facilitated the day-to-day business of the Council and its Administrative Offices.



# Rapport Amministrattiv Sena 2017

Qed inżommu magħkom dan l-appuntament ta' kull sena li matulu nagħtukom rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali.

## Kultura

Matul is-sena l-oħra komplejna ngħollu l-livell kulturali ta' Ħal Luqa fejn bdejna is-sena billi inawgurajna l-proġett tar-restawr li sar fuq l-istatwa ta' Sant' Andrija. Dan il-proġett kien ix-xewqa tal-maġġoranza tal-Ħalluqin għax huwa l-Qaddis tagħna. Għalkemm ix-xogħol kien sar minn naħa tad-Direttoratt tar-restawr kien il-Kunsill Lokali li ħa l-opportunita biex japplika sabiex isir dan ix-xogħol kif kien hemm l-opportunita tajba. Minn naħa tagħna ħadna ħsieb li nipprovdu l-materjali u kull assistenza li kien hemm bżonn. Ħadna ħsieb li nagħmlu ħadid ġdid u anki kabbarna l-bankina biex ma jerġax ikollu ħsarat. Dan il-proġett sabiħ inawgurajnieh b' Quddiesa u ċerimonja apposta li fiha ħraqna kaxxa tan-Nar.

Billi bdejt fuq l-aspett kulturali se nkompli nitkellem fuq dan l-aspett u issa se nitkellem fuq il-Monument li sar biex jfakkar dawk il-vittmi tal-Gwerra speċjalment ukoll dawk li mietu fit-traġedja tal-bir ta Triq il-Papa Innoċenzju. Illum nistgħu ngħidu li Ħal Luqa għandha monument tal-Gwerra kif jixirqilha u qed infakkru lil missirijietna lill-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu. Dan ix-xogħol artistiku sar minn naħa tal-iskultura Twanny Ellul u l-pedestal minn Henry Galea. Sabiex nikkomemoraw din is-serata tellajna attività mużiko letterarja li kien fiha filmati speċifikati fuq Ħal Luqa. Kienet serata sabiħa li żgur se nibqgħu niftakruha u li biha qtajna ix-xewqa ta' bosta Luqin li riedu lill-missirijiethom li mietu fil-Gwerra jkunu imfakkra.

## Infrastruttura

Komplejna nagħtu tarmac ġewwa t-toroq ta' Ħal Luqa. Lejn tmiem is-sena għamilna tlett toroq bit-tarmac li huma Triq il-Mitjar, Triq Sebastiano Saliba u Triq Gavino Camilleri li swew madwar €92,000 b' kollox. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar wieħed jista jgħid li Ħal Luqa ma tantx għandha toroq li huma fi stat ħażin.

Minn naħa l-oħra bqajt nieħu l-opportunita li kull meta jkolli laqgħa m' uffiċċjali ta Transport Malta nressaq l-appell biex toroq li huma ferm kbar u li l-Kunsill Lokali m' għandux biżżejjed fondi biex dawn jagħmilhom jkunu jistgħu jsiru minn naħa tal-Gvern. Hawnhekk b' mod speċjali qed nirreferi għall Triq il-Ġdida u Triq Valletta. Dawn it-toroq jeħtieġu xogħol kbir u l-ispejjeż fuqhom huma mijiet u eluf ta' Euros. Fil-laqgħat li saru ma Transport Malta anki

tkellimna fuq il-ħtieġa li jkollna l-bus shelters u kif smajna l-aħbar li l-problema li kien hemm ma Faces Display kienet riżolta qbadna u bgħattna mill-ewwel l-appell tagħna wara sitt snin biex Ħal Luqa tkun minn ta' quddiem biex isiru dawn il-bus shelters.

Kien hemm opportunita fejn ħarġu fondi Ewropej għall proġetti li jistgħu jsiru ħitan tas-sejjiegħ u konkos f' żoni rurali. Applikajna għall dawn il-fondi u bi pjaċir nista ngħid li l-proġett sabiex isir Sqaq il-Karmnu Nru 4 bil-konkos kien approvat. Applikajna ukoll sabiex jsiru il-ħitan tas-sejjiegħ mill-ġdid għaż żona ta Wied Garnaw kollu u nittama li fil-jiem li ġejjin ikollna risposta fuq l-applikazzjoni tagħna. B' hekk il-Kunsill Lokali qed juri li mhux il-partijiet fejn joqgħodu n-nies biss qed jagħti każ imma anki partijiet oħra ta' Ħal Luqa li mhumiex frekwentati daqstant.

## Amministrazzjoni

Hawn fuq semmejt li bħala Kunsill Lokali għamilna b' madwar € 92,000 ta Toroq is-sena l-oħra li din hija wkoll risposta ċara li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa huwa wieħed bil għaqal u jaf juża flusu tajjeb. Bi pjaċir nixtieq ngħidilkom li dan il-Kunsill reġa għall darba oħra spiċċa b' surplus tajjeb ħafna, anzi dan is-surplus kompla jiżdied. Wieħed jista jgħid li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa huwa fost wieħed mill-iktar Kunsilli ġewwa Malta finanzjarjament b' saħħithom.

l-ispazji pubbliċi bqajna nżommuhom nodfa regolarment billi ta' kuljum ikun hawn ħaddiema mill-Kunsill Lokali li jmorru jikinsu u jagħmlu kull xogħol ta' tindif.

## Proġetti oħra

Ftit tal-jiem oħra se ninawguraw ukoll proġett ieħor li b' kollox ġie jiswa aktar minn €20,000. Hawnhekk qed nirreferi għall proġett tal-lattrina l-ġdida tal-Bandli li hija ppjanata fuq energy saving principles billi d-dwal u l-fittings li hemm, huma kollha b' sensors. Sabiex dawn saru b' dan il-mod kien hemm spejjeż addizzjonali imma se jkun hemm cost savings għall Kunsill Lokali u nkunu ta' eżempju għall Kunsilli Lokali oħra.

Proġett ieħor li se jkun qed isir flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għas Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni se jkun jikkonsisti fl-installazzjoni ta' digital display fi Pjazza Sant' Andrija u servizz ta Wifi fl-istess akkwata. B' dan il-mod il-Kunsill Lokali se jkollu faċilita biex attivitajiet li jkunu se jittellgħu ġewwa Ħal Luqa jkunu ir-reklamati u anki dawk li jiffrekwentaw il-Pjazza jkunu jistgħu jużaw l-internet.

## Komunita

Fuq l-aspett soċjali għall sena oħra erġajna offrejna it-tilqima tal-influwenza li nħallsu s-servizz tan-nurse għaliha. Organiżżajna mawra oħra għall Sqallija billi fis-snin ta' qabel din kienet suċċess. Għalkemm kien hawn maġġoranza ta' Kunsilli Lokali li l-ħarġiet għollew il-prezzijiet tagħhom minn naħa tagħna żammejna prezz kostanti dejjem. Bħala korsijiet ukoll bqajna noffru numru ta' korsijiet differenti fosthom taz-Zumba u korsijiet tal-computer.

Grazzi